Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Appell numru: 32/2014AE

**Silvana Schembri**

**Vs**

**Direttur tas-Sigurta Socjali**

L-Erbgha, 13 ta' Jannar 2016.

Din is-sentenza titratta appell minn decizjoni tal-Arbitru tal-5 ta' Novembru 2014 li biha thassret decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta Socjali tas-6 ta' Mejju 2014 li biha cahad l-applikazzjoni tal-appellata ghall-ghajnuna socjali (supplimentari) ghar-raguni li:

*"Id-Direttur mhux sodisfatt li qed tifforma familja ghal rasek, u/jew, li qed tabita fl-indirizz moghti minnek".*

Fid-decizjoni l-Arbitru kkonluda li:

*"….. m'ghandux dubju li l-appellanta tghix fejn proprju hija ddikjarat mad-DSS, u cioe' fid-dar t'ommha, u lanqas minn dak li xehedet kemm hi u kif ukoll in-Nanna paterna tat-tifel minuri. Dan l-Arbitru hu tal-fehma pero' li t-tifel jorqod fid-dar tan-Nanna u mhux tal-appellanta.*

*Minkejja dan premess, pero', dan ma jfissirx li b'xi mod ghandu jaffettwa l-allowance intiz ghal dan it-tifel minuri. L-allowance huwa proprju ntiz ghall-htigijiet tat-tifel u mhux tal-appellanta.*

*Illi dan il-kaz huwa wiehed uminatarju ghall-ahhar imma li wkoll jixbah hafna kazijiet ohra li mhumiex umanitarji imma li proprju jinkawdraw fl-istess cirkostanzi. Ghas-sahha tal-argument, hafna mit-tfal minorenni li jghixu fuq din il-Gzira jqattghu granet shah man-Nanniet, jew addirittura f'childcare centres. Allur dan ghandu jfisser li dawn it-tal ghandna ncahhduhom mill-beneficcju intiz ghalihom ? Zgur li le. Il-ligi m'hijiex mahsuba li tifel jew tifla minorenni ghandhom iqattghu erbgha u ghoxrin siegha kuljum ghal sebat ijiem fil-gimgha ma' min jitlob biex jinghata allowance ghalihom biex proprju jibbenifikaw minnu.*

*Ghalhekk dan l-Arbitru huwa tal-fehema li ghalkemm m'ghandux dubju li t-tifel iqatta' hafna aktar hin man-Nanna Paterna milli mal-appellanta, xorta wahda din ic-cirkostanza partikolari – anke tenut kont il-kundizzjoni tat-tifel – m'ghandhiex taffetwa bl-ebda mod l-allowance ntiza ghall-istess tifel".*

Mid-decizjoni appella d-Direttur tas-Sigurta Socjali. L-aggravji huma:-

1. Irrizulta li la l-appellata u lanqas binha ma kienu qeghdin ighixu fil-fond dikjarat minnha fl-applikazzjoni.
2. Omm l-appellata xehedet li l-minuri gieli jaghmel jumejn ighix maghha.
3. Ukoll jekk jirrizulta li l-appellata qeghda tghix fil-post li ddikjarat lid-Dipartiment, m'hemmx prova li turi li binha kien qieghed ighix f'dak il-fond.

Mill-atti ma jirrizultax li l-appellata pprezentat twegiba.

Il-qorti rat l-atti.

Fl-applikazzjoni l-appellata ddikjarat li hi xebba u tghix fil-fond 27, Triq il-Gdida, Qormi. Fl-istess dokument hemm dikjarazzjoni tal-genituri taghha li taqra:

*"Niddikjara taht gurament, illum bintna Silvana flimkien mat-tarbija Gilmour ighixu, jieklu u jorqdu fl-istess residenza taghna"*.

Id-Dipartiment ircieva l-applikazzjoni fit-3 ta' Lulju 2008. L-appellata kienet qeghda tircievi l-ghajnuna socjali sas-6 ta Gunju 2014. Fil-31 ta' Jannar 2014 fit-7.45, spetturi tad-Dipartiment ghamlu spezzjoni gewwa l-fond 27, Triq il-Gdida,Qormi. Fir-rapport ikkonkludew:

*"Mill-investigazzjoni li twettqet fuq dan il-kaz jirrizulta li hemm ksur fil-provvediment ta' l-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318) f'dak illi ghandu x'jaqsam ma' l-intitolamenti ta' l-ghajnuna Socjali (SUP) u l-Allowance tat-Tfal (CA) u l-Beneficcju ghall-Energija (ENRG) u dan ghaliex il-beneficcjarja u binha mhux qed ighixu fl-indirizz iddikjarat fuq bazi permanenti u regolari"*.

Il-konkluzjoni tad-Dipartiment hi bazata fuq 'il fatt li mill-ispezzjoni, l-ispetturi kkonkudew li l-appellata u binha m'humiex ighixu fil-fond 27, Triq il-Gdida, Qormi:

*"…. U dan ghaliex fl-ebda hin ta' l-ispezzjoni ma' nnutajna hwejjeg jew affarijiet personali ohra li stajna nassocjaw mal-beneficjarja nnifisha u wisq anqas mac-ckejken Gilmour. Fil-fatt fir-residenza ma nnutajna l-ebda kotba jew gugarelli li normalment wiehed isib f'post fejn jabita tifel ta' sitt snin"*.

Fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2014 xehedu, quddiem l-Arbitru:-

i. L-appellanti li qalet:-

- Dakinhar tal-ispezzjoni l-hwejjeg tat-tifel kienu ghall-hasil u jinsabu fil-kamra tal-hasil;
- Xi hwejjeg thallihom ghand omm missier it-tifel. Xi drabi t-tifel iqatta' xi granet ghand omm missier it-tifel sabiex hi u l-genituri taghha jkunu jistghu jistriehu;

- Li t-tifel jorqod fl-istess sodda maghha u joqghodu Hal Qormi;

ii. Maria Dolors Aquilina, in-nanna paterna tal-minuri, qalet:

- Il-minuri Gilmour jghix mal-appellata. Pero' gieli jaghmel jumejn maghha. Wara t-tifel jirritorna ghand ommu;
- Binha Jurgen, iben il-minuri, ma jkellimhiex;
- Li tahdem bhala *cleaner* fl-iskola Santu Wistin, Marsa u l-hin tax-xoghol hu mis-2.30pm sal-5.30pm, kuljum.

Wara li l-qorti rat l-atti m'ghandha l-ebda dubju li fil-31 ta' Jannar 2014 l-appellata ma kinitx qeghda tghix mal-genituri taghha fil-fond 27, Triq il-Gdida, Qormi li hu l-indirizz dikjarat minnha fl-applikazzjoni li biha talbet l-ghajnuna socjali. Konkluzjoni li tasal ghaliha mill-fatt li:-

1. Omm l-appellata mitluba biex turi lill-ispetturi l-hwejjeg tal-appellata, *"... bdiet tiftah u taghlaq il-bibien u tfittex izda ma kinitx kapaci tindika liema kienu ezattament ta' Silvana"*. L-appellata lanqas ma tat spjegazzjoni dwar fejn suppost kienu l-hwejjeg taghha.
2. Omm l-appellata mitluba biex turi lill-ispetturi l-hwejjeg tat-tifel Gilmour, uriethom hwejjeg li kienu f'boroz tal-plastik li fihom kien hemm hwejjeg ta' persuna feminili; *"....hija deheret konfuza ghall-ahhar"*.
3. Ghalkemm l-appellata xehedet li l-hwejjeg tat-tifel kienu ghall-hasil u li ommha ma kinitx tellghet lill-ispetturi f'din il-kamra, din il-verzjoni ma tistax titwemmen. Jirrizulta li l-ispetturi talbu lill-omm l-appellata (Rita Schembri) sabiex turihom il-hwejjeg tat-tifel. Il-logika tghidlek li kieku l-hwejjeg tat-tifel kienu fil-kamra tal-hasil, Rita Schembri kienet turihom. Dan apparti li mhu xejn kredibbli li l-hwejjeg kollha li kellu t-tifel fil-fond fejn suppost kienet qeghda tghix l-appellata, kienu kollha ghall-hasil. Il-qorti m'ghandhiex dubju li din mhi xejn ghajr invenzjoni tal-appellata sabiex tipprova tikkonvinci lil min jiggudika li effettivament hi u binha kienu jghixu mal-genituri taghha.

Minn dak li rrizulta fl-ispezzjoni li saret fil-31 ta' Jannar 2014, id-Direttur kien altru milli gustifikat li jikkonkludi li l-appellata u binha Gilmour ma kienux jirrisjedu fil-fond 27, Triq il-Gdida, Qormi u fic-cirkostanzi jwaqqaf l-ghajnuna socjali. Il-provi li ressqet l-appellata huma fjakki u ma jistghux iservu biex jgiebu fix-xejn jew ipoggu fid-dubju dak li rrizulta waqt l-ispezzjoni. Il-qorti kienet tippretendi li per ezempju l-appellata tressaq bhala xhud ghallinqas lill-ommha. Dak li jirrizulta mir-rapport baqa' ma giex kontradett bi provi kredibbli. Hu veru li l-Arbitru ddikjara li m'ghandux dubju li *"... l-appellanta tghix fejn proprju hija ddikjarat mad-DSS"*, pero' dan seta' ghamlu biss billi skarta ghal kollox ir-rapport tal-ispetturi tad-Dipartiment li gie kkonfermat bil-gurament quddiemu. Il-provi li l-Arbitru kellu quddiemu ma kienux biss ix-xhieda tal-

appellata u n-nanna paterna tal-minuri. Kien hemm ukoll ir-rapport tal-ispetturi tad-Dipartiment. Fis-sentenza l-Arbitru qal:

*"Illi waqt ix-xiehda taghha, l-Ispettur tghid li ghamlet spezzjoni fir-residenza in kwistjoni izda ma kelmitx lill-appellanta. Tghid ukoll li rat xi hwejjeg tan-nisa fi gwardarobba minnhom imma li ma jistghux ikunu tal-appellanta ghaliex huma t'ohtha. Kif kellu diga' opportunita' jippronuncja ruhu f'sentenzi ohra, dan l-Arbitru jega' jtenni li dan mhux argument validu, proprju ghaliex wiehed ma jistax jidentifika hwejjeg feminili ma' mara partikolari, specjaliment meta l-istess Spettur lanqas biss rat la l-appellanta, u wisq anqas lill-ohtha. Ghalhekk din il-parti tax-xiehda qeghda tigi skartata kompletament. Dan l-Arbitru jaccetta biss xiehda li tkun oggettiva".*

Pero' l-Arbitru naqas milli jsemmi li waqt l-ispezzjoni omm l-appellata, mitluba biex turihom il-hwejjeg ta' bintha, naqset milli turihom:

*"… hija bdiet tiftah il-gwardarobba u wrietna hwejjeg li huma kemm tas-sajf u kemm tax-xitwa li hija qaltilna li kienu kemm ta' Silvana u kemm ta' Graziella. L-ispettorat talaba tindika liema kienu l-hwejjeg ta' Silvana izda hija bdiet tiftah u taghlaq il-bibien u tfittex izda* ***ma kinitx kapaci tindika liema kienu ezattament ta' Silvana****".*

Il-logika tghidlek li jekk verament Silvana Schembri kienet ilha ghallinqas minn Lulju 2008[1] tghix mal-genituri, waqt l-ispezzjoni suppost ommha kellha tkun kapaci turi liema kienu l-hwejjeg ta' bintha. Imbaghad fir-rigward tal-hwejjeg tat-tifel l-Arbitru qal li ma kellux dubju li fil-fond ma nstabux hwejjeg ta' tifel. In-nuqqas ta' hwejjeg ta' tifel jistghu jfissru biss li t-tifel ma kienx qieghed ighix f'dan il-fond. Ma nghatat l-ebda spjegazzjoni li tista' tiggustifika 'l fatt li ma kienx hemm hwejjeg tat-tifel u fl-istess hin jigi konkluz li t-tifel ighix fid-dar tan-nanniet materni. Il-fatt li Maria Dolores Aquilina xehedet li kultant it-tifel jaghmel xi jumejn ghandha m'hijiex raguni ghalfejn ma nstabux hwejjeg tat-tifel fil-fond 27, Triq il-Gdida, Qormi. Gialadarba, ma rrizultax li t-tifel qieghed ighix ma' haddiehor, il-konkluzjoni hi li qieghed ighix mal-omm f'post iehor li l-appellata ghadha ma tridx tizvela.

Skond l-Artikolu 97(1)(b) tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318):-

*"tkun kundizzjoni tal-jedd ta' xi persuna ghal xi beneficcju, pensjoni, allowance, ghotja ghal korriment jew ghajnuna moghtija taht id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att li …….*

*(b) tipproduci dawk ic-certifikati, dokumenti, informazzjoni u xiehda ghall-fini li jigi stabbilit il-jedd taghha ghal dak il-beneficcju, pensjoni, allowance jew ghajnuna li d-Direttur jista', minn zmien ghal zmien, jehtieg u ghal dak il-ghan tmur f'dak l-ufficcju jew post kif id-Direttur jista' jistabilixxi".*

---

[1] Ix-xahar li fih giet prezentata l-applikazzjoni.

Fis-sentenza **Julie Vassallo vs Direttur tas-Sigurta Socjali** tal-5 ta' Marzu 2010[2], din il-qorti kkummentat hekk dwar dan il-provvediment:

*"Guridikament apprezzata u interpretata ma jistax ikun hemm l-icken dubju illi d-disposizzjoni ghandha l-iskop li tinkulka fil-beneficjarju l-adempiment tad-doveri mistennija minnu, anke ghaliex tirrapprezenta l-metru ta' dak il-komportament li hu kellu jsegwi ghall-ghoti (jew tal-kontinwazzjoni taghha) ta' l-assistenza spettata minnu bl-applikazzjoni;*

*B'mod mill-aktar evidenti l-kanoni tal-kondotta inkombenti fuq l-appellanti kienet in bazi ghall-imsemmija disposizzjoni dik li hi tirrispetta u tezegwixxi l-obbligazzjoni kollaterali taghha li tikkopera mad-Dipartiment u li tghaddilu l-informazzjoni u d dokumenti li talabha. F'dan ma hemm xejn gdid li ma nsibux ukoll f'rapporti obbligatorji ohra traccjati fil-ligi komuni, u b'mod partikolari, taht il-Kodici Civili. Imperanti l-komportament tal-korrettezza u tal-bwona fede, sija fl-interess proprju kif ukoll b'salvagwardja ghall-interessi tal-kontraenti l-iehor.* ***In-nuqqas ta' l osservanza ta' komportament bhal dan igib b'konsegwenza illi l-parti fi htija tista' ssib ruhha f'qaghda fejn id-dritt taghha ma jibqax aktar tutelat****. Mhux dan biss, ghax ukoll il-kondotta negattiva taghha tista' tkun soggett ta' sanzjoni.* ***F'dan il-kaz, kif hekk gara, li l-ghajnuna prevedenzjali ma tkomplix tigi prestata lilha****. Sa hawn allura l-appellanti ma tistax tlum lid-Direttur appellat li zamm lura milli jkompli jerogolha l-assistenza, ghaliex id-decizjoni tieghu kienet teknikament u legalment fondata"* (enfazi mizjuda).

Mill-provi gialadabra ma jirrizultax li l-appellata ghadha tat it-taghrif korrett ta' fejn hi u binha effettivament qeghdin jirrisjedu u min ighix fil-fond[3], din il-qorti m'hijiex f'posizzjoni li taghti xi direttiva dwar jekk l-ghajnuna socjali ghandhiex tithallas lilha.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell tal-appellant Direttur tas-Sigurta Socjali u thassar id-decizjoni tal-Arbitru tal-5 ta' Novembru 2014. Ghalhekk tibqa' tghodd id-decizjoni tad-Direttur tas-6 ta' Mejju 2014. Spejjez a karigu tal-appellata**.

Anthony Ellul.

---

[2] Imhallef P. Sciberras.

[3] Taghrif li hu essenzjali sabiex jigi determinat jekk l-appellata hijex intitolata ghall-ghajnuna socjali.